IV

*(Atti oħrajn)*

# SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

## ID-DEĊIŻJONI TA’ L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA’ L-EFTA

**Nru 62/04/COL**

**tal-31 ta’ Marzu 2004**

**li temenda għall-ħamsa u erbgħin darba r-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam ta’ l-għajnuna statali billi temenda l-kapitolu nru 24a: “l-għajnuna statali għat-trasport marittimu” u l-anness viii u proposta għal miżuri xierqa**

L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA’ L-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), b’mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tagħhom,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta’ l-EFTA dwar it-twaqqif ta’ Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja ([2]), b’mod partikolari l-Artikolu 24, l-Artikolu 5 (2) (b), l-Artikolu 1 fil-Parti I tal-Protokoll 3 u l-Artikoli 18 u 19 fil-Parti II tal-Protokoll 3 tagħhom ([3]),

BILLI taħt l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità tas-Sorveljanza ta’ l-EFTA għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE li għandhom x’jaqsmu ma’ l-għajnuna Statali,

BILLI taħt l-Artikolu 5 (2) (b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità tas-Sorveljanza ta’ l-EFTA għandha toħroġ avviżi jew linjigwida dwar kwistjonijiet li ġew ittrattati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti hekk jistipola espressament, jew jekk l-Awtorità tas-Sorveljanza ta’ l-EFTA tħoss li hu neċessarju,

TFAKKAR ir-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam ta’ l-Għajnuna Statali ([4]) adottati fid-19 ta’ Jannar 1994 mill-Awtorità tas-Sorveljanza ta’ l-EFTA ([5]),

BILLI, fis-17 ta’ Jannar 2004, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn ’il quddiem il-Kummissjoni tal-KE) ħarġet Komunikazzjoni dwar linjigwida tal-Komunità dwar l-għajnuna Statali għat-trasport marittimu u proposta ta’ miżuri xierqa skond l-Artikolu 88, il-paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE ([6]),

BILLI din il-Komunikazzjoni hija ta’ rilevanza wkoll għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

BILLI applikazzjoni uniformi tar-regoli ta’ l-għajnuna Statali taż-ŻEE għandha tiġi żgurata fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

BILLI, skond il-punt nru II taħt it-titolu “ĠENERALI” fl-aħħar ta’ l-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità tas-Sorveljanza ta’ l-EFTA għandha tadotta, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni tal-KE, atti li jaqblu ma’ dawk li ġew adottati mill-Kummisssjoni tal-KE,

WARA li kkonsultat il-Kummissjoni tal-KE,

FILWAQT LI TFAKKAR li l-Awtorità tas-Sorveljanza ta’ l-EFTA kkonsultat l-Istati ta’ l-EFTA f’laqgħa multilaterali fit-3 ta’ Frar 2004 dwar is-suġġett,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

(1) Il-Kapitolu 24A u l-Anness VIII tal-Linjigwida dwar l-Għajnuna Statali huma emendati billi ħadu post il-Kapitolu 24A u l-Anness VIII preżenti bit-test li jinstab fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni. Huma proposti miżuri xierqa li jinstabu fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni.

([1]) Minn hawn ’il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE.
([2]) Minn hawn ’il quddiem imsejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.
([3]) Il-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, kif ġie emendat mill-Istati ta’ l-EFTA fl-10 ta’ Diċembru 2001. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fit-28 ta’ Awwissu 2003.
([4]) Minn hawn ’il quddiem imsejħa l-Linjigwida dwar l-Għajnuna Statali.
([5]) Inizjalment ippubblikat fil-GU L 231, 3.9.1994, u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru. 32 fl-istess data, li ġie emendat l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kulleġġ Nru. 41/04/COL, tas-17.3.2004, li għadha ma ġietx ippubblikata.
([6]) ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3.

(2) L-Istati ta' l-EFTA għandhom ikunu infurmati permezz ta' ittra, li tinkludi kopja ta' din id-Deċiżjoni u tinkludi l-Anness I. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jiġu mitluba jqabblu l-ftehim tagħhom mal-miżuri xierqa sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2004.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun infurmata, skond punt (d) tal-Protokoll 27 tal-Ftehim taż-ŻEE, permezz ta' kopja ta' din id-Deċiżjoni, inkluż l-Anness I.

(4) Id-Deċiżjoni, li tinkludi l-Anness I, għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(5) Fil-każ li l-Istati ta' l-EFTA jaċċettaw il-proposta ta' miżuri xierqa, avviż imqassar għandu jkun ippubblikat fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(6) Id-Deċiżjoni hija awtentika fil-lingwa Ingliża.

Magħmula fi Brussell, 31 ta' Marzu 2004.

*Għall-Awtorità tas-Sorveljanza ta' L-EFTA*

Hannes HAFSTEIN
*President*

Einar M. BULL
*Membru tal-Kulleġġ*

*ANNESS*

## "24A. GĦAJNUNA GĦAT-TRASPORT MARITTIMU ([1])

24.A.1. **Daħla**

(1) Is-servizzi tat-trasport marittimu huma ta' importanza kruċjali għaż-Żona Ekonomika Ewropea. It-trasport marittimu taż-ŻEE u l-attivitajiet relatati miegħu jibqgħu wħud mill-aktar importanti fid-dinja kollha. Il-White Paper tal-Kummissjoni tal-KE 'Politika ta' trasport Ewropew għall-2010: żmien għal deċiżjoni' ([2]) tenfasizza l-importanza kruċjali tas-servizzi tat-trasport marittimu għall-ekonomija tal-Komunità u turi li 90% tal-kummerċ kollu bejn il-Komunità u l-bqija tad-dinja hija trasportata permezz tal-baħar. It-tbaħħir fil-qosor jammonta għal 69% tal-volum tal-prodotti ttrasportati bejn l-Istati Membri tal-KE (dan il-persentaġġ huwa 41% jekk it-trasport domestiku huwa inkluż).

(2) Mis-Sebgħinijiet, il-flotta Ewropea ġiet wiċċ imb' wiċċ mal-kompetitizzjoni minn bastimenti rreġistrati f'pajjiżi terzi li ma tantx jagħtu każ li josservaw ir-regoli soċjali u ta' sigurtà li huma fis-seħħ fuq livell internazzjonali.

(3) In-nuqqas ta' kompetittività tal-bastimenti li għandhom reġistrazzjoni Ewropea kien magħruf fl-aħħar tas-snin tmenin u, fin-nuqqas ta' miżuri Ewropej armonizzati, diversi Stati taż-ŻEE adottaw miżuri differenti biex ikunu ta' għajnuna għat-trasport marittimu. L-istrateġiji li ġew adottati u l-baġits allokkati biex ikunu ta' appoġġ għal miżuri huma differenti minn Stat wieħed taż-ŻEE għall-ieħor, minħabba l-attitudini ta' dawk l-Istati għall-għajnuna pubblika jew l-importanza li jagħtu lis-settur marittimu.

(4) Barra minn hekk, sabiex iħeġġu r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-bastimenti, l-Istati taż-ŻEE llaxkaw ir-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-ekwipaġġi, partikolarment permezz tal-ħolqien tat-tieni reġistru.

(5) It-tieni reġistri huma magħmula minn, l-ewwelnett, 'reġistri *offshore*' ta' territorji li għandhom aktar jew anqas awtonomija skond l-Istat taż-ŻEE, u t-tieni nett, minn 'reġistri internazzjonali', li huma marbuta direttament ma' l-Istat li ħalaqhom.

(6) Minkejja l-isforzi li saru, parti kbira mill-flotta taż-ŻEE tkompli tkun irreġistrata taħt reġistrazzjonijiet ta' pajjizi terzi. Dan isir minħabba l-fatt li r-reġistri ta' pajjiżi terzi li japplikaw politika ta' reġistrazzjoni miftuħa – fejn diversi minnhom jissejħu 'reġistrazzjonijiet ta' konvenjenza' – komplew u għadhom jgawdu vantaġġ kompetittiv sinifikanti fuq ir-reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE.

24.A.1.1 *Għajnuna għall-industrija tat-tbaħħir*

(1) Minħabba d-differenzi bejn is-sistemi ta' għajnuna adottati mill-Istati Membri tal-KE li jħabbtu wiċċhom ma' kompetizzjoni aktar intensa minn bastimenti li mhumiex irreġistrati mal-Komunità, fl-1989 il-Kummissjoni tal-KE identifikat l-ewwel linjigwida tagħha dwar dan is-suġġett biex tiżgura konverġenza partikolari bejn il-ħidmiet ta' l-Istati Membri tal-KE. Minkejja dan, dan il-mezz wera li mhux effettiv u t-tnaqqis tal-flottot tal-Komunità baqa' għaddej. Il-linjigwida kienu riveduti kif jixraq, bir-riżultat ta' komunikazzjoni fl-1997 li tiddentifika l-Linjigwida ġodda dwar l-għajnuna Statali għat-trasport marittimu ([3]).

(2) Il-Linjigwida ta' l-1989 ma kienux inkorporati meta l-Ftehim taż-ŻEE daħal fis-seħħ. Minkejja dan, id-dispożizzjonijiet bażiċi ta' għajnuna Statali tal-Ftehim taż-ŻEE applikaw b'mod sħiħ għas-settur tat-trasport marittimu u l-Awtorità kkunsidrat il-linjigwida tal-Kummissjoni mill-1989 dwar l-għajnuna għall-kumpaniji tat-tbaħħir bħala rilevanti għaż-ŻEE. Il-komunikazzjoni ta' l-1997 ġiet inkorporata bħala l-Kapitolu 24A fil-Linjigwida ta' l-Awtorità dwar l-Għajnuna Statali. Il-Kapitolu 24A preżenti jinkorpora l-Linjigwida ([4]) tal-Kummissjoni tal-KE ta' 2004.

(3) L-iżvilupp ewlieni fis-snin riċenti fejn jidħlu l-miżuri ta' appoġġ mill-Istati taż-ŻEE għat-trasport marittimu huwa l-estenzjoni ta' natura wiesgħa fl-Ewropa tas-sistemi ta' tassazzjoni fissa għat-tunnellaġġ ('it-tassazzjoni għat-tunnellaġġ'). It-tassazzjoni għat-tunnellaġġ daħlet fis-seħħ kmieni ħafna fil-Ġreċja u ġiet estiża b'mod progressiv għall-Olanda (1996), għan-Norveġja (1996), għall-Ġermanja (1999), għar-Renju Unit (2000), għad-Danimarka, għal Spanja u għall-Finlandja (2002) u għall-Irlanda (2002). Il-Belġju u Franza ddeċidew ukoll li jadottawha fl-2002, waqt li l-Gvern Taljan qiegħed jipprevedi din il-possibbiltà.

([1]) Dan il-Kapitolu jaqbel mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2004) 43 – linjigwida tal-Komunità dwar l-għajnuna Statali għat-trasport marittimu, ĠU C 13, 17.1.2004, p. 13.
([2]) COM (2001) 370 finali.
([3]) Il-Linjigwida tal-Komunità dwar l-għajnuna Statali għat-trasport marittimu (97/C205/05), ĠU C 205, 5.7.1997, p. 5.
([4]) Ara n-nota 1 fil-qiegħ tal-paġna ta' dan il-Kapitolu.

24A.1.2 *Rivista ta' l-iżviluppi wara l-adozzjoni tal-Linjigwida ta' l-1997*

(1) Fil-kapitolu introduttorju tal-Linjigwida tagħha ta' l-2004, il-Kummissjoni tal-KE tiddeskrivi l-miżuri proposti mill-Istati Membri tal-KE u approvati mill-Kummissjoni tal-KE meta mqabbla ma' l-għanijiet ġenerali tal-Linjigwida ta' l-1997. Il-Kummissjoni tal-KE ġabret it-tagħrif rilevanti mid-*data* ta' l-istatistika u mit-tweġibiet għall-kwestjonarju mibgħut lill-Istati Membri tal-KE kmieni fl-2002. L-Awtorità kienet stiednet l-Istati ta' l-EFTA iwieġbu għall-istess kwestjonarju u bagħtet ir-risposti lill-Kummissjoni tal-KE. Mir-risposti ta' l-Istati ta' l-EFTA għall-kwestjonarju u mill-esperjenza tagħha man-notifiki fis-settur tat-trasport marittimu, l-Awtorità tista' tikkonferma li t-tendenzi ġenerali identifikati mill-Kummissjoni tal-KE fil-Komunikazzjoni tagħha ta' l-2004 huma applikabbli wkoll għaż-ŻEE kollha kemm hi.

(a) Il-Kompetittività tal-flotta taż-ŻEE

(2) Il-Kummissjoni tal-KE sabet li – wara r-risposti mogħtija mill-Istati Membri tal-KE fin-nofs l-2002 għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni u għad-*data* ta' l-istatistika l-aktar riċenti ([5]) – l-Istati Membri tal-KE li daħħlu l-miżuri ta' għajnuna, b'mod partikolari f'forma ta' eżenzjoni mit-taxxa, kisbu reġistrazzjoni mill-ġdid taħt reġistrazzjoni nazzjonali ta' volum sinifikanti ta' tunnellaġġ fir-reġistri kollha meħuda flimkien. Mindu twettaq ir-reġim ta' tassazzjoni speċjali tat-tbaħħir fin-Norveġja ([6]), il-flotta merkantili b'reġistrazzjoni nazzjonali żdiedet b'89 bastiment jew 6% (1996-2001). Matul il-perjodu bejn l-1989-2001 is-sehem tar-reġistri ta' l-Istat Membri tal-KE fit-tunnellaġġ totali dinji naqqas ftit. Waqt li t-tbaħħir dinji żdied, il-flotta amministrata mill-Komunità u rreġistrata taħt reġistrazzjoni tal-pajjiżi terzi żdiedet b'rata aktar mgħaġġla minn dik tal-flotta rreġistrata taħt ir-reġistrazzjoni ta' l-Istati Membri tal-KE. In-numru ta' bastimenti li huma proprjetà tan-Norveġja iżda b'reġistrazzjoni barranija żdied minn 425 fl-1 ta' Jannar 1996 għal 702 fl-1 ta' Jannar 2001.

(b) Xejriet fl-impjiegi

(3) Fejn għandhom x'jaqsmu x-xejriet fl-impjiegi, il-Kummissjoni tal-KE innotat tnaqqis fin-numru totali ta' baħrin fuq bastimenti tal-Komunità, iżda ġibdet l-attenżjoni li dan għandu jitqies bl-għarfien li kien hemm żieda fil-produttività għal kull bastiment u tiġdid tal-flotta tal-Komunità matul l-1997-2001 fejn it-teknoloġija avvanzata tagħha rriżultat fl-użu ta' numru iżgħar ta' ħaddiema, iżda b'taħriġ aħjar. Il-Kummissjoni osservat li t-tendenza li l-flotta bir-reġistrazzjoni tal-Komunità tiddependi dejjem aktar fuq baħrin ta' pajjiżi terzi, għadha għaddejja. Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni dwar din it-tendenza fl-2001 fil-Komunikazzjoni tagħha dwar it-taħriġ u r-reklutaġġ tal-baħrin ([7]). Fin-Norveġja, in-numri tal-baħrin Norveġiżi u taż-ŻEE fuq bastimenti li huma propjetà tan-Norveġja naqsu b'3% bejn l-1999 u l-2000, waqt li l-impjiegi tal-baħrin li m'humiex Norveġiżi żdiedu.

(c) Kontribut għal attività ekonomika sħiħa

(4) L-industriji marittimi huma marbuta mill-qrib mat-trasport marittimu. Din l-assoċjazzjoni hija argument qawwi favur il-miżuri pożittivi li għandhom l-għan li jżommu flotta dipendenti fuq it-tbaħħir taż-ŻEE. Peress illi t-trasport marittimu huwa wieħed mir-rabtiet fil-katina ta' trasport in ġenerali u b'mod partikolari, fil-katina ta' l-industriji marittimi, il-miżuri li jfittxu jżommu l-kompetittività tal-flotta Ewropea għandhom riperkussjonijiet ukoll fuq investimenti ta' l-art fl-industriji li għandhom x'jaqsmu mal-baħar ([8]) u fuq il-kontribut tat-trasport marittimu għall-ekonomija kollha taż-ŻEE kollha, u b'mod ġenerali, għall-impjiegi.

(5) Is-sinifikat tat-tbaħħir u l-grupp marittimu sħiħ ivarja b'mod konsiderevoli għall-pajjiżi li qed jiġu kkunsidrati. Fi studju li twettaq mill-Kummissjoni tal-KE, inklużi l-15-il Stat tal-KE u n-Norveġja, l-importanza tal-grupp marittimu Ewropew u l-impatt dirett ekonomiku tiegħu jidher permezz ta' dawn il-figuri li ġejjin: 1 550 miljun impjegat dirett, dħul ta' 160 biljun EUR fl-1997 (madwar 2 % tal-PGD fil-Komunità) ([9]). Id-*data* dwar in-Norveġja (2% tal-PGD li nħoloq permezz tal-grupp marittimu ([10]), id-Danimarka (3% tal-PGD li nħoloq mill-grupp marittimu), il-Greċja (2.3%) u l-Olanda (2%) jistgħu jittieħdu bħala eżempji.

(6) Għalhekk, f'dan il-kuntest, m'huwiex insinifikanti li wieħed josserva illi l-flotta amministrata mill-operaturi Ewropej ibbażati fil-Komunità baqgħet fuq livell ta' madwar 34% tat-tunnellaġġ dinji, waqt li dan ta' l-aħħar żdied b'10% matul dan il-perjodu. Minħabba l-mobbilità ta' l-industrija marittima u l-faċilitajiet offruti minn pajjiżi terzi, wieħed jista' jikkonkludi li l-miżuri ta' appoġġ għat-trasport marittimu jistgħu jagħtu kontribut biex ikun evitat spostament imferrex ta' l-industriji relatati.

([5]) ISL, L-Istatistika tat-Tbaħħir 2001. Aktar dettalji, b'mod partikolari ċ-ċifri rilevanti għall-flotta tal-Komunità u l-impjiegi ta' baħrin fi ħdan il-Komunità, jistgħu jinstabu fil-parti introduttorja tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, li hemm referenza għaliha fin-nota 1 fil-qiegħ tal-paġna ta' dan il-Kapitolu.
([6]) In-Norveġja kien l-uniku Stat ta' l-EFTA li wieġeb għall-kwestjonarju.
([7]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-taħriġ u r-reklutaġġ tal-baħrin tas-6 ta' April 2001, COM (2001) 188 finali.
([8]) Dawn l-attivitajiet jinkludu s-servizzi tal-port, il-loġistika, il-bini, it-tiswija, il-manutenzjoni, l-ispezzjoni u l-klassifika tal-bastimenti, l-amministrazzjoni u s-senserija tal-bastimenti, l-attivitajiet bankarji u s-servizzi finanzjarji internazzjonali, l-assigurazzjoni, il-konsultazzjoni u s-servizzi professjonali.
([9]) Permezz ta' studju li sar mill-Kummissjoni Ewropea, DG Intrapriża 'L-Impatt Ekonomiku ta' l-Industriji Marittimi fl-Ewropa'. http://europa.eu.int/comm/enterprise/maritime/maritime_industrial/economic_impact_study.htm
([10]) Iċ-ċifra ttieħdet mill-Istatistika tan-Norveġja.

(7) Fuq bażi ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni tal-KE kkonkludiet li, fejn ġew adottati miżuri li jaqblu mal-Linjigwida ta' l-1997, it-tnaqqis strutturali tar-reġistri tal-Komunità u l-flotta tal-Komunità twaqqfu u l-għanijiet stabbiliti mill-Kummissjoni nkisbu, għall-inqas parti minnhom. Kif l-Awtorità tista' tara mill-investigazzjonijiet tagħha fil-qasam tat-trasport marittimu, it-tneħhija ta' reġistrazzjonijiet ma waqfitx waqt li l-miżuri adottati konformi mal-Kapitolu 24A preċedenti tal-Linjigwida ta' l-Awtorità ġew meqjusa bħala mezz biex iwaqqfu dik it-tendenza. Il-persentaġġ tan-Norveġja tal-flotta dinjija, ibbażat fuq tunnellaġġ gross u meqjus bħala tunnellaġġ reġistrat fin-Norveġja, baqa' għal madwar 4% bejn l-1998-2000 ([11]).

(8) Madankollu, is-sehem ta' reġistri miftuħa fit-tunnellaġġ dinji baqa' jiżdied matul dan il-perjodu, jiżdied minn 43% fl-1996 għal 54% fl-2001, u m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' tibdil sinifikanti fit-tendenza li permezz tagħha l-flotta kellha, u għad għandha, rikors dejjem jiżdied għal baħrin minn pajjiżi terzi. Il-kampanja li saret fis-snin riċenti għandha tiġi segwita iżda hemm bżonn li tkun immirata b'mod aħjar. Il-miżuri li jippromovu baħrin taż-ŻEE għandhom, b'mod partikolari, jkunu s-suġġetti ta' monitoraġġ aktar attiv.

(9) Ir-riżultati tal-miżuri li ttieħdu mill-Istati ta' l-EFTA u awtorizzati mill-Awtorità għandhom ikunu analizzati b'mod sistematiku.

(10) Bħala konsegwenza, u anki jekk bħala kwistjoni ta' prinċipju, l-għajnuna operattiva għandha tkun eċċezzjonali, temporanja u digressiva, l-Awtorità tqies li l-għajnuna Statali għall-industrija tat-tbaħħir taż-ŻEE għadha ġustifikata u li l-istrateġija segwita mill-Linjigwida ta' l-1997 kienet korretta. Għalhekk, il-Kapitolu 24A attwali tal-Linjigwida huwa bbażat fuq l-istess metodu bażiku.

24A.2. **L-iskop u l-għanijiet ġenerali tal-linjigwida dwar l-għajnuna mill-Istat riveduti**

(1) Dawn il-Linjigwida – li jissostitwixxu l-Kapitolu 24A preċedenti ([12]) – għandhom l-għan li jistabbilixxu l-parametri li permezz tagħhom l-għajnuna Statali għat-trasport marittimu għandha tkun approvata, skond ir-regoli u l-proċeduri dwar l-għajnuna Statali taż-ŻEE, mill-Awtorità skond l-Artikolu 61(3)(c) u/jew l-Artikolu 59(2) tal-Ftehim taż-ŻEE.

(2) L-iskemi ta' l-għajnuna m'għandhomx jitmexxew b'dannu għall-ekonomiji ta' l-Istati l-oħra taż-ŻEE u għandu jintwera ċar li dawn ma joħolqux riskju ta' distorzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti sal-punt kuntrarju għall-interess komuni. L-għajnuna statali dejjem għandha tkun limitata għal dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-għan tagħha u tingħata b'mod trasparenti. Għandu jitqies dejjem l-effett kumulattiv ta' l-għajnuna kollha mogħtija mill-awtoritajiet ta' l-Istat (inklużi l-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali).

(3) Dawn il-Linjigwida huma applikabbli għal attivitajiet ta' 'trasport marittimu' kif inhuma identifikati fir-Regolament (KEE) Nru 4055/86 ([13]) imdaħħla fil-Ftehim taż-ŻEE bħala l-punt 53 fl-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, u fir-Regolament (KEE) Nru 3577/92 ([14]) imdaħħla bħala l-punt 53 a fl-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, ([15]) jiġifieri, "għat-trasport ta' prodotti u persuni permezz tal-baħar". Dawn ukoll, f'partijiet speċifiċi, għandhom x'jaqsmu ma' l-irmonk u mat-tħammil.

24.A.2.1 *L-iskop tal-Linjigwida ta' għajnuna Statali*

(1) Dawn il-Linjigwida jkopru kwalunkwe għajnuna mogħtija lit-trasport marittimu mill-Istati ta' l-EFTA jew permezz tar-riżorsi Statali. Dawn jinkludu kwalunkwe vantaġġ finanzjarju, mogħti f'kwalunkwe forma possibbli, iffinanzjat mill-awtoritajiet pubbliċi (sew fuq livell nazzjonali, reġjonali, provinċjali, dipartimentali jew lokali). Għal dawn l-għanijiet, it-tifsira 'awtoritajiet pubbliċi' tista' tinkludi intrapriżi pubbliċi u banek ikkontrollati mill-Istat. Il-miżuri li permezz tagħhom l-Istat jagħti garanzija ta' self jew xi finanzjament ieħor minn banek kummerċjali jistgħu ukoll jaqgħu fid-definizzjoni ta' għajnuna. Il-Linjijgwida ma jagħmlu l-ebda distinzjoni bejn it-tipi ta' benefiċjarju skond l-istruttura legali tagħhom (sew jekk kumpaniji, shubiji jew individwi), lanqas bejn il-proprjetà pubblika jew privata, u kwalunkwe referenza għal kumpaniji għandha titqies li tinkludi kull tip ieħor ta' entità legali.

(2) Dawn il-Linjigwida ma jkoprux għajnuna għall-bini ta' bastimenti (fi ħdan it-tifsira ta' Kapitolu 24 B tal-Linjigwida dwar l-Għajnuna Statali ta' l-Awtorità jew kwalunkwe strument sussegwenti). L-investimenti fl-infrastruttura ġeneralment ma jinvolvux l-għajnuna Statali fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, jekk l-Istat jipprovdi aċċess liberu u ugwali għall-infrastruttura għall-benefiċċju ta' l-operaturi kollha kkonċernati. Madankollu, l-Awtorità tista' teżamina dawn l-investimenti jekk jistgħu jkunu ta' vantaġġ dirett jew indirett għas-sidien partikolari ta' bastimenti. Fl-aħħarnett, l-Awtorità stabbiliet il-prinċipju li l-ebda għajnuna Statali hija involuta meta l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu kontribut għal kumpanija fuq bażi li tkun aċċettabbli għal investitur privat li qiegħed jaħdem taħt kondizzjonijiet normali ta' l-ekonomija tas-suq.

([11]) Iċ-ċifra ttieħdet mill-Istatistika tan-Norveġja.
([12]) Li kienet ibbażata fuq il-Linjigwida tal-Kummissjoni tal-KE ta' l-1997.
([13]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà għas-servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 1).
([14]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).
([15]) Permezz tad-Deċiżjoni Konġunta tal-Kumitat Nru 70/97 (ĠU L 30, 5.2.1998, p. 42 u s-Suppliment taż-ŻEE nru 5, 5.2.1998, p. 175), e.i.f 1.8.1998.

24.A.2.1 *L-għanijiet ġenerali tal-Linjigwida dwar l-għajnuna Statali riveduti*

(1) Żieda ta' trasparenza fil-qasam ta' għajnuna Statali hija meħtieġa sabiex mhux biss l-awtoritajiet nazzjonali fis-sens wiesa' iżda wkoll il-kumpaniji u l-individwi jkunu konxji tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Dawn il-Linjigwida huma maħsuba li jagħtu kontribut lil dan u jikkjarifikaw liema skemi ta' għajnuna Statali jistgħu jkunu introdotti sabiex jagħtu appoġġ lill-interess marittimu taż-ŻEE, bil-għan li:

— jtejbu t-trasport marittimu li hu mingħajr periklu, effiċjenti, sikur u ma jagħmilx ħsara lill-ambjent,

— jheġġu r-reġistrazzjoni jew ir-reġistrazzjoni mill-ġdid tar-reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE,

— jagħtu kontribut għat-tisħiħ tal-grupp marittimu stabbilit fl-Istati taż-ŻEE waqt li jżommu flotta ġenerali kompetittiva fis-swieq dinji,

— jżommu u jtejbu l-kompetenza marittima u l-ħarsien u t-trawwim ta' impjiegi għall-baħħrin Ewropej, u

— jagħtu kontribut lill-promozzjoni ta' servizzi ġodda fil-qasam tat-tbaħħir fil-qosor ([16])

(2) Ġeneralment, l-għajnuna statali tista' tingħata biss b'rispett għall-bastimenti inklużi fir-reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE. Madankollu, f'ċerti każijiet eċċezzjonali, għajnuna tista' tingħata b'rispett għal bastimenti inklużi fir-reġistri taħt il-punt (3) ta' l-Anness VIII ta' dawn il-Linjigwida, sakemm:

— jkunu konformi ma' l-istandards internazzjonali u l-liġi taż-ŻEE, inklużi dawk relatati mas-sigurtà, is-sikurezza, il-prestazzjoni ambjentali u l-kondizzjonijiet tax-xogħol fuq il-bastiment;

— jitħaddmu miż-ŻEE;

— is-sid tal-bastiment tagħhom huwa stabbilit fiż-ŻEE u l-Istat konċernat juri li r-reġistru jagħti kontribut dirett lill-għanijiet imsemmija hawn fuq.

(3) Barra minn hekk, il-miżuri ta' għajnuna lil reġistrazzjonijiet newtrali jistgħu jiġu approvati f'ċerti każijiet eċċezzjonali meta jintwera b'mod ċar vantaġġ għall-għanijiet komuni tal-Paritijiet Kontraenti.

24A.3. **Miżuri fiskali u soċjali għat-titjib tal-kompetittività**

24.A.1.1 *It-trattament fiskali tal-kumpaniji tal-bastimenti*

(1) Ħafna pajjiżi terzi żviluppaw reġistri ta' bastimenti sinifikanti, xi kultant appoġġati minn infrastruttura ta' servizzi internazzjonali effiċjenti, li tattira s-sidien ta' bastimenti permezz ta' klima fiskali li hija ħafna inqas qawwija minn dik li teżisti fl-Istati taż-ŻEE. L-ambjent ta' taxxa baxxa kien inċentiv għall-kumpaniji mhux biss sabiex jirreġġistraw il-bastimenti tagħhom iżda wkoll biex jikkunsidraw relokazzjoni tal-kumpanija. Wieħed għandu jenfasizza li m'hemm l-ebda regola effettiva internazzjonali bħalissa li trażżan din il-kompettizzjoni tat-taxxa u ftit ostakoli amministrattivi, legali jew tekniċi għat-tneħħija ta' reġistrazzjoni ta' bastiment minn fuq reġistru ta' Stat taż-ŻEE. F'dan il-kuntest, il-ħolqien ta' kondizzjonijiet li jħallu kompetizzjoni aktar ġusta b'reġistrazzjoni ta' konvenjenza jidher li hu l-aħjar metodu possibbli.

(2) Bħala regola ġenerali, sistema ta' taxxa ta' Stat taż-ŻEE/EFTA mhix koperta mill-Ftehim taż-ŻEE. Madankollu, f'ċerti każijiet, sistema bħal din jista' jkollha konsegwenzi li jaqgħu fl-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE ([17]). F'dan l-istadju, m'hemm l-ebda evidenza ta' skemi li jfixklu l-kompetizzjoni fil-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti li juru li huma kuntrarju għall-interess komuni. Fil-fatt, jidher li hemm konverġenza dejjem tiżdied fl-istrateġiji ta' l-Istati taż-ŻEE għall-għajnuna għat-tbaħħir. Ir-reġistrazzjoni ta' bastimenti bejn l-Istati taż-ŻEE hija fenomenu rari. Prinċipalment, il-kompetizzjoni fiskali hija kwistjoni bejn l-Istati taż-ŻEE fuq naħa u l-pajjiżi terzi fuq l-oħra, peress li t-tnaqqis fl-ispejjeż disponibbli għas-sidien ta' bastimenti permezz ta' reġistri ta' pajjiżi terzi huwa konsiderevoli meta mqabbel ma' l-għażliet disponibbli fiż-ŻEE.

([16]) Fuq dan is-suġġett, ara l-White Paper tal-Kummissjoni tal-KE dwar il-politika tat-trasport Ewropew għal 2010, COM(2001) 370 finali.
([17]) Sentenza tal-Qorti ta' l-EFTA fil-Każ E-6/98 Gvern tan-*Norveġja v. l-Awtorita tas-Sorveljanza ta' l-EFTA*.

(3) Għal din ir-raġuni, ħafna Stati taż-ŻEE ħolqu miżuri speċjali biex itejbu l-klima fiskali għall-kumpaniji ta’ bastimenti, inklużi, per eżempju, deprezzament aktar mgħaġġel ta’ investiment fi bastimenti jew id-dritt għar-riserva ta’ profitti li kienu riżultat ta’ bejgħ ta’ bastimenti għal għadd ta’ snin fuq bażi ta’ eżenzjoni mit-taxxa, sakemm dawn il-profitti jkunu investiti mill-ġdid fil-bastimenti.

(4) Dawn il-miżuri ta’ eżenzjoni mit-taxxa li japplikaw b’mod speċjali għat-tbaħħir huma kkunsidrati bħala għajnuna Statali. Bl-istess mod, is-sistema li wieħed jissostitwixxi s-sistema normali tat-taxxa tal-kumpaniji permezz ta’ taxxa ta’ tunnellaġġ hija forma ta’ għajnuna Statali. ‘It-taxxa ta’ tunnellaġġ’ tfisser illi s-sid tal-bastiment jħallas ammont ta’ taxxa marbut direttament mat-tunnellaġġ operat. It-taxxa tat-tunnellaġġ għandha titħallas irrispettivament mill-profitti jew telf reali tal-kumpanija.

(5) Bla dubju, dawn il-miżuri jiżguraw impjiegi ta’ kwalità għolja fis-settur marittimu fuq l-art, bħal mhi l-amministrazzjoni relatata direttament mat-tbaħħir kif ukoll fl-attivitajiet assoċjati (l-assigurazzjoni, s-senserija u l-finanzi). Minħabba l-importanza ta’ dawn l-attivitajiet għall-ekonomija tal-Partijiet Kontraenti u b’appoġġ għall-għanijiet imsemmija qabel, ġeneralment dawn it-tipi ta’ inċentivi fiskali jistgħu jkunu approvati. Aktar minn hekk, il-ħarsien ta’ impjiegi ta’ kwalità u t-tqanqil ta’ industrija kompetittiva tat-tbaħħir stabbilita fis-Stat taż-ŻEE permezz ta’ inċentivi fiskali, meħuda flimkien ma’ inizjattivi oħra dwar it-taħriġ u t-tkabbir ta’ sigurtà, jiffaċċilitaw l-iżvilupp tat-tbaħħir Ewropew fis-suq globali.

(6) L-Awtorità hija konxja illi d-dħul finanzjarju tas-sidien ta’ bastimenti li sikwit jinkiseb mill-operazzjoni ta’ bastimenti taħt reġistrazzjonijiet differenti – per eżempju, meta jintużaw bastimenti mikrija taħt reġistrazzjonijiet barranin jew permezz ta’ l-użu ta’ bastimenti sħab b’allejanzi. Hu magħruf ukoll li l-inċentiv għal espatrijazzjoni u l-attivitajiet anċillari jkompli jekk is-sid tal-bastimenti jikseb vantaġġ sinifikanti finanzjarju minħabba ż-żamma ta’ stabbilimenti differenti u kontijiet ta’ verifika separati għad-dħul ta’ reġistrazzjonijiet taż-ŻEE u xi dħul ieħor. Dan ikun il-każ, per eżempju, jekk id-dħul minn reġistrazzjonijiet li mhumiex taż-ŻEE kienu suġġetti jew għar-rata sħiħa ta’ tassazzjoni tal-kumpaniji fi Stat taż-ŻEE jew għal rata ta’ taxxa baxxa barra l-pajjiż jekk tista’ tintwera l-amministrazzjoni barra l-pajjiż.

(7) L-għan ta’ għajnuna Statali fil-kuntest ta’ trasport marittimu huwa li jippromovi l-kompetittività tal-flottot taż-ŻEE fis-suq globali tat-tbaħħir. B’hekk, l-iskemi ta’ eżenzjoni mit-taxxa għandhom, ġeneralment, ikollhom rabta ma’ reġistrazzjoni taż-ŻEE. Madankollu, jistgħu wkoll, b’mod eċċezzjonali, jiġu approvati meta japplikaw għall-flotta sħiħa mħaddma minn sid ta’ bastiment stabbilit fit-territorju ta’ Stat taż-ŻEE suġġett għat-taxxa tal-kumpaniji, sakemm dan juri li l-amministrazzjoni strateġika u kummerċjali tal-bastimenti kollha involuti attwalment titwettaq mit-territorju u li din l-attività tagħti kontribut sostanzjali għall-attività ekonomika u ħolqien ta’ xogħol fi ħdan iż-ŻEE. L-evidenza mogħtija mill-Istat taż-ŻEE kkonċernat biex turi din ir-rabta ekonomika għandha tinkludi dettalji ta’ bastimenti possessati u operati skond reġistri ta’ Istati taż-ŻEE, ċittadini taż-ŻEE impjegati fuq bastimenti u f’attivitajiet bbażati fuq l-art u f’investimenti b’assi fissi. Wieħed għandu jenfasizza li l-għajnuna għandha tkun meħtieġa sabiex tkun promossa r-ripatrijazzjoni ta’ l-amministrazzjoni strateġika u kummerċjali tal-bastimenti kollha involuti fiż-ŻEE u, barra minn hekk, li l-benefiċjarji ta’ l-iskemi għandhom ikunu suġġetti għat-taxxa tal-kumpaniji fiż-ŻEE. Barra minn hekk, l-Awtorità tista’ titlob kwalunkwe evidenza disponibbli biex turi li l-bastimenti kollha operati minn kumpaniji li jibbenifikaw minn dawn il-miżuri huma konformi ma’ l-istandards ta’ sigurtà rilevanti internazzjonali u taż-ŻEE, inklużi dawk li għandhom x’jaqsmu mal-kondizzjonijiet ta’ xogħol fuq il-bastiment.

(8) Kif diġà għidna fil-paragrafu hawn fuq, wieħed m’għandux jinsa li, bħala materja ta’ prinċipju, l-iskemi ta’ eżenzjoni tat-taxxa jeħtieġu rabta mar-reġistrazzjoni ta’ wieħed mill-Istati ta’ l-EFTA. Qabel l-għajnuna ma tingħata (jew tkun konfermata) b’mod eċċezzjonali lill-flotot li huma magħmula wkoll minn bastimenti ta’ reġistrazzjoni oħra, l-Istati taż-ŻEE għandhom jiżguraw li, taħt ir-reġistrazzjoni ta’ l-Istati taż-ŻEE, il-kumpaniji benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jżidu, jew mill-inqas, jżommu s-sehem ta’ tunnellaġġ li se joperaw taħt dawn ir-reġistrazzjonijiet meta dawn il-Linjigwida jibdew japplikaw. Kull meta kumpanija tikkontrolla kumpaniji li joperaw il-bastimenti fit-tifsira tas-Seba’ Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE ([18]) (l-Artikolu 1), inkorporata bħala l-punt 4 ta’ l-Anness XXII għal-Ftehim taż-ŻEE, il-ħtieġa tas-sehem ta’ tunnellaġġ imsemmi hawn fuq għandha tapplika għall-kumpanija prinċipali u l-kumpaniji sussidjarji miġbura flimkien fuq bażi konsolidata. Jekk kumpanija (jew grupp) tonqos milli tirrispetta dik il-ħtieġa, l-Istat taż-ŻEE rilevanti m’għandux jagħti aktar eżenzjoni tat-taxxa b’rispett għall-bastimenti żejda operati minn dik il-kumpanija, li m’għandomx reġistrazzjoni taż-ŻEE, sakemm is-sehem tar-reġistrazzjoni taż-ŻEE tat-tunnellaġġ globali eliġibbli għal eżenzjoni mit-taxxa f’dak l-Istat taż-ŻEE ma naqasx, bħala medja, matul il-perjodu ta’ rappurtar li hemm referenza għalih fil-paragrafu li ġej. L-Istati ta’ l-EFTA għandhom jinfurmaw l-Awtorità dwar l-applikazzjoni tad-deroga. Il-ħtieġa ta’ sehem tat-tunnellaġġ taż-ŻEE stabbilita f’dan il-paragrafu ma tapplikax għall-intrapriżi li joperaw mill-inqas 60% tat-tunnellaġġ tagħhom taħt reġistrazzjoni taż-ŻEE.

([18]) ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1.

(9) Fil-każijiet kollha, fejn skemi fiskali kienu approvati fuq il-bażi eċċezzjonali msemmija hawn fuq u sabiex jippermettu l-Istat ta' l-EFTA involut iħejji, kull tliet snin, ir-rapport meħtieġ skond it-taqsima 24A.12 ('Rimarki Finali', ara taħt), id-destinatarji għandhom jagħtu evidenza lill-Istat ta' l-EFTA konċernat, li l-kondizzjonijiet kollha għad-deroga mir-rabta mar-reġistrazzjoni kienu sodisfatti matul il-perjodu. Aktar minn hekk, għandha tingħata evidenza li, fil-każ tal-flotta benefiċjarja, il-ħtieġa tas-sehem tat-tunnellaġġ stabbilita fil-paragrafu preċedenti kien osservat u li kull bastiment ta' dik il-flotta josserva l-istandards rilevanti internazzjonali u taż-ŻEE, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà, is-sikurezza, il-prestazzjoni ambjentali u l-kondizzjonijiet tax-xogħol fuq il-bastimenti. Jekk id-destinatarji jonqsu milli jipprovdu din l-evidenza, ma jitħallewx ikomplu jibbenifikaw mill-iskema tat-taxxa.

(10) Huwa ta' interess ukoll li wieħed jistipola li, waqt li l-kumpaniji tat-tbaħħir ibbażati fiż-ŻEE huma d-destinatarji naturali ta' l-iskemi tat-taxxa msemmija hawn fuq, ċerti kumpaniji ta' amministrazzjoni tal-bastimenti stabbiliti fiż-ŻEE jistgħu wkoll jikkwalifikaw skond l-istess dispożizzjonijiet. Il-kumpaniji li jmexxu l-bastimenti huma entitajiet li jipprovdu għamla differenti ta' servizzi lis-sidien tal-bastimenti, bħal per eżempju, valutazzjoni teknika, ir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' l-ekwipaġġ, l-amministrazzjoni ta' l-ekwipaġġ, u l-ħidma tal-bastimenti. F'ċerti każijiet, l-amministraturi tal-bastimenti huma assenjati kemm l-amministrazzjoni teknika kif ukoll l-amministrazzjoni ta' l-ekwipaġġ tal-bastimenti. F'dan il-każ, huma jaġixxu bħala 'sidien klassiċi tal-bastimenti' fejn għandhom x'jaqsmu l-ħidmiet tat-trasport. Barra minn hekk, kif qiegħed jiġri fil-każ ta' l-industrija tat-tbaħħir, dan is-settur qiegħed jesperjenza kompetizzjoni qawwija u dejjem tiżdied fuq livell internazzjonali. Għal dawn ir-raġunijiet, jidher xieraq illi l-possibilità ta' eżenzjoni tat-taxxa tiġi estiża għal kategorija ta' l-amministraturi tal-bastimenti.

(11) Il-kumpaniji li jamministraw l-bastimenti jistgħu jikkwalifikaw għall-għajnuna biss b'rispett ta' bastimenti fejn ġew assenjati l-amministrazzjoni kollha teknika u ta' l-ekwipaġġ. B'mod partikolari, sabiex ikunu eliġibbli, l-amministraturi tal-bastimenti għandhom jassumu r-responsabbiltà sħiħa għat-tħaddim tal-bastimenti mis-sid, kif ukoll jieħdu f'idejhom mis-sid id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi ta' l-ISM ([19]). Jekk l-amministratturi tal-bastimenti jipprovdu wkoll xi servizzi speċjalizzati oħrajn, anke dawk relatati mat-tħaddim tal-bastimenti, għandha tkun żgurata l-verifika tal-kontijiet separata għal dawn l-attivitajiet li ma jikkwalifikawx għall-iskemi ta' eżenzjoni tat-taxxa. Il-ħtieġa dwar is-sehem ta' reġistrazzjoni ta' l-Istati taż-ŻEE deskritta hawn fuq, tapplika wkoll għall-kumpaniji ta' l-amministrazzjoni tal-bastimenti ([20]).

(12) Dawn il-Linjigwida japplikaw biss għat-trasport marittimu. L-Awtorità tista' taċċetta illi l-irmonk ta' bastimenti oħra fuq il-baħar, il-pjattaformi taż-żejt, eċċ, jaqgħu taħt dik id-definizzjoni.

(13) Madankollu, l-Awtorità saret konxja li, f'ċerti każijiet, l-Istati taż-ŻEE jippermettu laneċ ta' l-irmonk li huma mfassla għal xogħol fil-baħar jieħdu vantaġġ mill-għajnuna anke jekk ma jkunux attivi fuq il-baħar, jew ikunu attivi rarament. B'hekk, huwa ta' siwi li fil-Linjigwida jkun hemm dikjarazzjoni dwar liema linja l-Awtorità se tieħu fuq dan il-punt.

(14) 'L-irmonk' huwa kopert mill-ambitu tal-Linjigwida biss jekk aktar minn 50 % ta' l-attività ta' l-irmonk imwettqa b'mod effettiv minn lanċa ta' l-irmonk matul sena partikolari tikkostitwixxi 'trasport marittimu'. Il-ħin ta' stennija jista' jkun assimilat, b'mod propozjonat, ma' dik il-parti ta' attività sħiħa mwettqa effettivament minn lanċa tar-rmonk li tikkostitwixxi 'trasport marittimu'. Wieħed għandu jenfasizza illi l-attivitajiet ta' l-irmonk li jitwettqu *inter alia* fil-portijiet, jew li jagħmlu parti mill-għajnuna għall-bastimenti li jaħdmu waħedhom bl-iskrun biex jaslu fil-port ma jagħmlux parti minn 'trasport marittimu' għall-għanijiet ta' dawn il-Linjigwida. L-ebda deroga mir-rabta ta' reġistrazzjoni mhija possibbli fil-każ ta' l-irmonk.

(15) Bl-istess mod, fil-każ tat-tħammil, l-esperjenza miksuba matul is-snin riċenti tagħti wieħed x'jifhem illi ċerti punti għandhom jintqalu.

(16) Fil-prinċipju l-attivitajiet ta' 'tħammil' m'humiex eliġibbli għal għajnuna għat-trasport marittimu. Madankollu, miżuri fiskali għall-kumpaniji (bħal per eżempju t-taxxa tat-tunnellaġġ) jistgħu jkunu applikati għal dawk id-dreġers li l-attivitajiet tagħhom jikkonsistu fit-'trasport marittimu' – jiġifieri, it-trasport f'baħar fond ta' materjali estratti għal aktar minn 50 % tal-ħin operattiv annwali tagħhom u fir-rispett biss għal dawn l-attivitajiet ta' trasport. Id-dreġers eliġibbli huma biss dawk li huma rreġistrati fi Stat taż-ŻEE (l-ebda deroga mhi possibbli mir-rabta tar-reġistrazzjoni). F'każijiet bħal dawn, tkun meħtieġa verifika tal-kontijiet separata għall-attivitajiet tat-trasport marittimu ([21]).

(17) Fl-aħħarnett, il-metodu ta' l-evalwazzjoni tas-sistemi tat-taxxa tat-tunnellaġġ li ġie nnotifikat lill-Kummissjoni tal-KE s'issa hu magħmul minn dawn il-passi li ġejjin: profitt virtwali għas-sidien tal-bastimenti li kien ikkalkulat permezz ta' l-applikazzjoni ta' rata ta' profitt nozzjonali għat-tunnellaġġ tagħhom; taxxa nazzjonali tal-kumpaniji kienet applikata fuq l-ammont determinat hekk. L-ammont li jirriżulta huwa 'it-taxxa tat-tunnellaġġ' li għandu jitħallas.

([19]) 'Il-Kodiċi ISM', tfisser il-Kodiċi Internazzjonali għall-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fl-Operat tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni mit-Tniġġis, adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) bir-riżoluzzjoni A741(18).

([20]) L-Awtorità għandha teżamina l-effetti ta' dawn id-dispożizzjonijiet dwar l-amministrazzjoni tal-bastimenti wara tliet snin tat-twettiq ta' dawn il-Linjigwida.

([21]) Il-bastimenti użati minn dawn l-operaturi jaqilgħu jew iħammlu wkoll materjali li jġorru wara. L-estrazzjoni jew it-tħammil per se, ma jikkwalifikawx għal għajnuna Statali għat-trasport marittimu.

(18) Ir-rati ta’ profitt nozzjonali provduti mill-Istati tal-KE kienu omoġenji s’issa. Madankollu, peress li r-rati tat-taxxa tal-kumpaniji jistgħu jvarjaw fil-KE kollha b’mod sinifikattiv, it-taxxi tat-tunnellaġġ li għandhom jitħallsu għall-istess tunnellaġġ jistgħu jvarjaw ħafna fl-Istati differenti tal-KE. Sabiex jinżamm il-bilanċ ekwu preżenti, il-Kummissjoni tal-KE stipulat li se tapprova biss skemi li joħolqu piż ta’ taxxa għall-istess tunnellaġġ li bejn wieħed jew ieħor, ikunu konformi ma’ dawk l-iskemi diġà approvati. Fuq bażi ta’ l-esperjenza tagħha, l-Awtorità tosserva li minflok ma jikkalkulaw il-profitti virtwali li fuqhom ir-rata ta’ taxxa ordinarja tal-kumpaniji tkun applikata, xi Stati jistgħu jiddeċiedu li jiffissaw ir-rati speċjali ta’ taxxa tat-tunnellaġġ b’mod dirett. Bl-istess mod, l-Awtorità għandha tfittex li żżomm bilanċ ekwu konformi mas-sistemi diġà approvati.

(19) Fil-każijiet kollha, il-vantaġġi ta’ skemi għandhom iħeffu l-iżvilupp tas-settur tat-tbaħħir u l-ħolqien ta’ l-impjieg b’appoġġ għall-interess komuni tal-Partijiet Kontraenti. B’hekk, il-vantaġġi fiskali msemmija hawn fuq għandhom ikunu limitati għall-attivitajiet tat-tbaħħir; għalhekk, f’każijiet fejn kumpanija ta’ tbaħħir tkun impenjata wkoll f’attivitajiet oħra kummerċjali, tkun meħtieġa verifika tal-kontijiet trasparenti sabiex ikun evitat ‘fluss’ f’attivitajiet li m’għandhom x’jaqsmu mat-tbaħħir. Din l-istrateġija tkun ta’ għajnuna sabiex it-tbaħħir taż-ŻEE jkun kompetittiv, bir-responsabbiltajiet fiskali komparabbli ma’ livelli li japplikaw f’postijiet oħra fid-dinja, iżda jżomm il-livelli normali tat-taxxa ta’ l-Istat taż-ŻEE għall-attivitajiet oħra u r-remunerazzjoni personali ta’ l-azzjonisti u d-diretturi.

24.A.1.1 *Spejjeż relatati max-xogħol*

(1) Kif diġà semmejna qabel, it-trasport marittimu huwa settur li qiegħed jesperjenza kompetizzjoni internazzjonali qawwija ħafna. Għalhekk, miżuri li jappoġġaw is-settur marittimu għandhom jimmiraw, l-ewwelnett, lejn it-tnaqqis ta’ l-ispejjeż fiskali u oħrajn, u l-piżijiet li jġorru s-sidien tal-bastimenti taż-ŻEE u l-baħħara taż-ŻEE favur livelli li jkunu konformi man-normi madwar id-dinja. B’mod dirett għandhom iqanqlu l-iżvilupp tas-settur u l-ħolqien ta’ l-impjiegi, minflok ma jipprovdu għajnuna finanzjarja ġenerali.

(2) Konformi ma’ dawn l-għanijiet, l-azzjoni li ġejja fuq l-infiq ta’ l-impjiegi għandha titħalla favur it-tbaħħir taż-ŻEE:

— rati mnaqqsa ta’ kontribuzzjonijiet għall-ħarsien soċjali tal-baħħara taż-ŻEE impjegati fuq bastimenti reġistrati fi Stat taż-ŻEE,

— rati mnaqqsa ta’ taxxa ta’ dħul għall-baħħara taż-ŻEE fuq bastimenti reġistrati fi Stat taż-ŻEE.

Għall-għanijiet ta’ dan il-punt, ‘il-baħħara taż-ŻEE’ hija definita bħala:

— ċittadini ta’ l-Istati taż-ŻEE, fil-każ tal-baħħara li qed jaħdmu fuq bastimenti (inklużi l-laneċ ro-ro ([22])) li jipprovdu servizzi pprogrammati għal passiġġieri bejn il-portijiet taż-ŻEE;

— Il-baħħara kollha suġġetti għat-tassazzjoni u/jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fi Stat taż-ŻEE, fil-każijiet kollha l-oħra.

(3) Il-Linjigwida preċedenti ta’ l-1997 ippermettew dan it-tnaqqis għall-baħħara kollha li jaħdmu fuq bastimenti rreġistrati fi Stat taż-ŻEE u huma suġġetti għat-taxxa u/jew għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fi Stat taż-ŻEE. Madankollu, sa minn dak in-nhar deher ċar li l-pressjoni mill-kompetizzjoni internazzjonali fuq sidien tal-bastimenti Ewropej hija qawwija ħafna fil-każ tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija, waqt li hija inqas fil-każ tat-trasport skedat tal-passiġġieri fiż-ŻEE. Għalhekk, it-tisħiħ tal-kompetittività ta’ l-industrija Ewropea tat-tbaħħir huwa għan prinċipali ta’ għajnuna fil-każ preċedenti. F’dan il-każ, il-prevenzjoni ta’ l-għotja ta’ eżenzjoni tat-taxxa fl-Istati taż-ŻEE għall-baħħara kollha kien ikollha effett negattiv ħafna fuq il-kompetittività tas-sidien tal-bastimenti Ewropej li setgħu kienu mħeġġa jneħħu r-reġistrazzjoni tagħhom. Fl-istess ħin, kien osservat li t-tħaddim ta’ ċittadini ta’ l-Istati taż-ŻEE huwa sinifikanti, skond il-persentaġġi u n-numri, fil-każ tat-trasport skedat tal-passiġġieri fiż-ŻEE. Għalhekk, il-ħarsien ta’ l-impjiegi fiż-ŻEE huwa prijorità għal għajnuna f’dan il-każ. Għal raġunijiet fiskali interni xi Stati taż-ŻEE jippreferu ma japplikawx rati mnaqqsa kif diġà ssemma hawn fuq, iżda minflok jistgħu jħallsu lura lis-sidien tal-bastiment – b’mod parzjali jew sħiħ – l-ispejjeż li ġejjin minn dawn it-taxxi. Ġeneralment, strateġija bħal din tista’ tkun ikkunsidrata bħala ekwivalenti għas-sistema ta’ rata mnaqqsa kif deskritta hawn fuq, sakemm ikun hemm rabta ċara ma’ dawn il-miżati, l-ebda element ta’ kumpens żejjed u s-sistema tkun trasparenti u mhix miftuħa għall-abbuż.

(4) Għall-parti marittima ta’ l-attivitajiet ta’ l-irmonk u t-tħammil (it-trasport marittimu ta’ materjali), għajnuna favur l-impjiegi ta’ baħħara taż-ŻEE tista’ tingħata permezz ta’ analoġija għar-regoli li jinsabu f’dan il-punt, iżda jekk biss l-għajnuna għandha x’taqsam ma’ baħħara taż-ŻEE li jaħdmu fuq laneċ tal-baħar u dawk li jaħdmu waħedhom bl-iskrun, u reġistrati fi Stat taż-ŻEE, li jwettqu trasport marittimu fuq il-baħar għal mill-anqas 50 % tal-ħin ta’ ħidma tagħhom ([23]).

([22]) Ara l-Artikolu 2, punt (a), tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta’ April 1999 dwar sistema ta’ valutazzjonijiet mandatorji ta’ tħaddim sikur ta’ servizzi regolari ta’ lanċa ro-ro regolari u bċejjeċ tal-baħar tal-passiġġieri ta’ veloċità kbira (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 1), kif inhu inkorporat bħala l-punt 56 ca) fl-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, id-Deċiżjoni Konġunta tal-Kumitat taż-ŻEE Nru. 179/1999 (ĠU L 74, 15.3.2001, p. 7 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 14, 15.3.2001, p. 22 (Norveġiż) u p. 105 (Iżlandiż ), e.i.f. 1.8.2000.

([23]) B’hekk, attivitajiet tat-tħammil li jitwettqu i.a. prinċipalment f’portijiet li ma jikkwalifikawx għal għajnuna favur l-impjieg tal-baħħara taż-ŻEE.

(5) Fl-aħħar, ta' min ifakkar li għajnuna għall-ħolqien ta' impjiegi hija koperta mill-eżenzjoni ġenerali mogħtija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204 2204/2002 tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għal għajnuna Statali għall-ħolqien ta' l-impjiegi ([24]), inkorporata bħala l-punt 1g) fl-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE ([25]), li tapplika wkoll għat-trasport marittimu.

24A.4. **Is-serħan ta' l-ekwipaġġ**

Għajnuna għas-serħan ta' l-ekwipaġġ tista' tnaqqas l-ispejjeż tat-tħaddim tal-baħħara taż-ŻEE, speċjalment dawk fuq bastimenti li jaħdmu f'ibħra 'l bogħod. Għalhekk, l-għajnuna, li hija suġġetta għal-limitu massimu (kif stabbilit fit-taqsima 24A.11) tista' tingħata bħala pagament jew rimbors ta' l-ispejjeż ta' repatrijazzjoni tal-baħħara taż-ŻEE li jaħdmu fuq bastimenti elenkati fir-reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE.

24A.5. **Għajnuna għall-investiment**

(1) Is-sussidji għat-tiġdid tal-flotta m'humiex komuni f'mezzi oħra tat-trasport bħal per eżempju t-trasport ta' merkanzija fit-toroq u l-avjazzjoni. Peress li dawn għandhom it-tendenza li jfixklu l-kompetizzjoni, l-Awtorità m'hijiex ħerqana li tapprova dawn l-iskemi, ħlief meta jagħmlu parti minn riforma strutturali li twassal għat-tnaqqis fil-kapaċità ġenerali tal-flotta.

(2) L-investiment għandu jkun konformi mal-Kapitolu 24 B ta' dawn il-Linjigwida, jew ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni taż-ŻEE jew Linjigwida li jistgħu jieħdu posthom.

(3) Madankollu, fil-qafas ta' dawn il-Linjigwida, għajnuna oħra ta' investiment tista' ssir, f'konformità mal-politika ta' l-ibħra bla periklu, f'ċerti ċirkostanzi ristretti biex ittejjeb it-tagħmir fuq bastimenti elenkati fir-reġistri ta' l-Istat taż-ŻEE jew biex irawwmu l-użu ta' bastimenti mingħajr periklu u nodfa. B'hekk, tista' titħalla għajnuna li tagħti inċentivi biex ikunu aġġornati bastimenti reġistrati fiż-ŻEE ma' standards li jaqbżu dawk l-istandards obbligatorji ta' sigurtà u ambjent stabbiliti fil-konvenzjonijiet internazzjonali u li jantiċipaw standards ogħla maqbula, u b'hekk isaħħu l-kontrolli tas-sigurtà u l-ambjent. Għajnuna bħal din għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli taż-ŻEE dwar il-bini ta' bastimenti.

(4) Peress illi t-tbaħħir huwa essenzjalment attività mobbli ħafna, għajnuna reġjonali għal kumpaniji marittimi f'reġjunijiet żvantaġġati, li sikwit jieħdu l-forma ta' għajnuna ta' investiment għal kumpaniji li qed jinvestu fir-reġjunijiet, tista' ssir meta jidher ċar li l-vantaġġi jakkumulaw fir-reġjun fuq perjodu ta' żmien raġonevoli. Per eżempju, dan għandu jkun fil-każ ta' investiment relatat mal-bini ta' mħażen dedikati jew ix-xiri ta' tagħmir tat-trasbord fiss. Għajnuna għall-investiment għal kumpaniji marittimi f'reġjunijiet żvantaġġjati tista' ssir biss meta tkun konformi mar-regoli ta' l-għajnuna għall-investiment (ara taqsima 24A.6).

24A.6. **Għajnuna reġjonali fuq bażi ta' l-artikolu 61(3)(a) u (c) tal-ftehim taż-ŻEE**

Fil-kuntest ta' l-iskemi ta' għajnuna reġjonali, l-Awtorità tapplika r-regoli ġenerali stabbiliti fil-Linjigwida tagħha, jew l-emendi futuri tagħha.

24A.7. **It-taħriġ**

(1) L-ewwelnett, ta' min ifakkar li għajnuna għat-taħriġ hija koperta mill-eżenzjoni ġenerali mogħtija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għal għajnuna għat-taħriġ ([26]), inkorporat bħala l-punt 1d fl-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE ([27]), li japplika wkoll għat-trasport marittimu.

(2) Aktar minn hekk, ħafna skemi ta' taħriġ li ġew segwiti mill-baħħara u appoġġati mill-Istat m'humiex meqjusa bħala għajnuna Statali għaliex huma ta' bixra ġenerali (sew jekk vokazzjonali kif ukoll akkademiċi). Għalhekk, dawn m'humiex suġġetti għan-notifika u l-analiżi mill-Awtorità.

([24]) ĠU L 337, 13.12.2002, p. 3.
([25]) Permezz tad-Deċiżjoni Konġunta tal-Kumitat taż-ŻEE Nru. 83/2003 (ĠU Nru L [li għandu jkun ippubblikat]), e.i.f. 21.6.2003.
([26]) ĠU L 10, 13.1.2001, p. 20.
([27]) Permezz tad-Deċiżjoni Konġunta tal-Kumitat taż-ŻEE Nru 88/2002 (ĠU L 266, 3.10.2002, p. 56 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 49, 3.10.2002, p. 42), e.i.f 1.2.2003.

(3) Madankollu, jekk skema tkun meqjusa li tinkludi għajnuna Statali, hemm bżonn ta' notifika. Per eżempju dan jista' jkun il-każ jekk skema partikolari tkun relatata b'mod speċifiku mat-taħriġ fuq bastiment u l-vantaġġ ta' appoġġ finanzjarju ta' l-Istat jintlaqa' mill-organizzazzjoni tat-taħriġ, il-kadett, il-baħħar u s-sid tal-bastiment. L-Awtorità għandha attitudni tajba favur l-għajnuna, li tingħata fuq bażi mhux diskriminatorja, għat-taħriġ mogħti fuq bastimenti reġistrati fi Stat taż-ŻEE. B'mod eċċezzjonali, it-taħriġ abbord bastimenti oħra jista' jkun appoġġjat meta jkun iġġustifikat minn kriterji oġġettivi, bħalma huwa n-nuqqas ta' postijiet disponibbli fuq bastimenti fir-reġistru ta' Stat taż-ŻEE.

(4) Meta l-kontribuzzjonijiet finanzjarji jitħallsu għat-taħriġ fuq il-bastimenti, il-kandidat tat-taħriġ ma jistax, fil-prinċipju, jkun membru attiv ta' l-ekwipaġġ iżda għandu jkun supernumerarju. Din id-dispożizzjoni teżisti sabiex tiżgura illi s-sussidji netti tal-pagi ma jistgħux jitħallsu lill-baħħara impenjati f'attivitajiet normali ta' ekwipaġġ.

(5) Bl-istess mod, sabiex jitħares u jkun żviluppat l-għarfien espert marittimu fiż-ŻEE u l-vantaġġ kompetittiv ta' l-industriji marittimi taż-ŻEE, hemm bżonn ta' aktar sforzi ta' riċerka estensiva u żvilupp, b'enfasi fuq il-kwalità, il-produttività, is-sigurtà u l-ħarsien ta' l-ambjent. L-appoġġ ta' l-Istat għal dawn il-proġetti jista' jkun awtorizzat fil-limiti stabbiliti mill-Ftehim taż-ŻEE ([28]).

(6) Għajnuna mmirata lejn it-tisħiħ u t-tiġdid tal-ħiliet ta' l-uffiċjali taż-ŻEE tista' titħalla matul il-karriera kollha tagħhom. L-għajnuna tista' tikkonsisti f'kontribuzzjoni fl-ispiża tat-taħriġ u/jew f'kumpens għall-paga mħallsa lill-uffiċjal matul il-perjodu tat-taħriġ. Madankollu, l-iskemi għandhom jitfasslu b'tali mod li jevitaw li l-għajnuna għat-taħriġ tkun mibdula direttament jew indirettament f'sussidju għall-pagi ta' l-uffiċjali.

(7) Tista' wkoll tkun permessa l-għajnuna mmirata lejn it-taħriġ professjonali mill-ġdid ta' sajjieda li jbaħħru fil-miftuħ li jixtiequ jaħdmu bħala baħħara.

24A.8. **Għajnuna għar-ristrutturar**

Għalkemm il-Linjigwida ta' l-Awtorità dwar ir-ristrutturar u s-salvataġġ ta' l-intrapriżi b'diffikultà ([29]) japplikaw għat-trasport biss sal-punt li titqies in-natura speċifika tas-settur, l-Awtorità tapplika dawk il-Linjigwida jew kwalunkwe Linjigwida oħra jew leġiżlazzjoni taż-ŻEE li tieħu posthom meta tkun qed tikkunsidra għajnuna għar-ristrutturar tal-kumpaniji marittimi.

24A.9. **Obbligi u kuntratti tas-servizz pubbliku**

(1) Fil-qasam tal-kabotaġġ marittimu, obbligi tas-servizz pubbliku (PSOs) jistgħu jkunu imposti jew kuntratti tas-servizz pubbliku (PSCs) jistgħu jkunu konklużi għas-servizzi indikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3577/92, inkorporat bħala l-punt 53 a fl-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE ([30]). Għal dawk is-servizzi, il-PSOs u l-PSCs, kif ukoll il-kumpens tagħhom għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dik id-dispożizzjoni u r-regoli tal-Ftehim taż-ŻEE u l-proċeduri li jiggovernaw l-għajnuna Statali, kif kienu interpretati mill-Qorti ta' l-EFTA, u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri korrispondenti tat-Trattat tal-KE li jirregolaw l-għajnuna Statali fil-Komunità.

(2) L-Awtorità taċċetta li jekk servizz internazzjonali tat-trasport ikun meħtieġ biex ikunu sodisfatti l-bżonnijiet imperattivi tat-trasport pubbliku, jistgħu jkunu imposti l-PSOs jew jistgħu jkunu konklużi l-PSCs basta kwalunkwe kumpens ikun suġġett għar-regoli u l-proċeduri tal-Ftehim taż-ŻEE msemmija hawn fuq.

(3) It-tul tal-kuntratti tas-servizz pubbliku għandu jkun limitat għal perjodu raġonevoli u mhux twil wisq, ġeneralment fl-ordni ta' sitt snin, peress li l-kuntratti għall-perjodi sinifikattivament itwal jistgħu joħolqu l-periklu ta' ħolqien ta' monopolju (privat).

([28]) Ara l-Artikolu 61 (3) (c) tal-Ftehim taż-ŻEE kif ukoll il-Kapitoli 14 (Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp) u 15 (Għajnuna għall-ħarsien ta' l-ambjent) tal-Linjigwida preżenti.
([29]) Ara l-Kapitolu 16 tal-Linjigwida preżenti.
([30]) Permezz tad-Deċiżjoni Konġunta tal-Kumitat Nru 70/97 (ĠU L 30, 5.2.1998, p. 42 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 5, 5.2.1998, p. 175), e.i.f 1.8.1998.

24A.10. **Għajnuna għat-tbaħħir fil-qosor**

(1) M'hemm l-ebda definizzjoni legali għat-'Tbaħħir Fil-Qosor'. Madankollu, il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-KE dwar l-iżvilupp tat-Tbaħħir Fil-Qosor fl-Ewropa tad-29 ta' Ġunju 1999 ([31]) provvdiet definizzjoni ta' ħidma ta' Tbaħħir Fil-Qosor, li tista' tinftiehem bħala 'iċ-ċaqliq ta' merkanzija u passiġġieri permezz tal-baħar bejn portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew bejn dawk il-portijiet u l-portijiet li jinsabu f'pajjiżi li mhumiex Ewropej b'kosta fuq ibħra magħluqa mal-fruntieri ta' l-Ewropa' ([32]). F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tal-KE tenfasizza s-sehem ta' dan il-metodu ta' trasport biex jiipromovi l-mobbiltà sostenibbli u mingħajr periklu, biex isaħħaħ il-koeżjoni fiż-ŻEE u biex itejjeb l-effiċjenza tat-trasport bħala parti minn strateġija intermodali. L-Awtorità tagħraf ukoll li il-promozzjoni tat-tbaħħir fil-qosor għandha ssir fuq il-livelli kollha, sew jekk fuq livell taż-ŻEE, kif ukoll fuq il-livell nazzjonali jew reġjonali.

(2) Peress li l-għajnuna lit-Tbaħħir fil-Qosor timmira lejn it-titjib tal-katina intermodali u tneħħi l-konġestjoni fit-toroq ta' l-Istati taż-ŻEE, id-definizzjoni tat-Tbaħħir fil-Qosor kif preżentata fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-KE ta' l-1999 għandha, għall-iskopijiet ta' dawn il-Linjigwida, tkun ristretta għat-trasport bejn il-portijiet fit-territorju ta' l-Istati taż-ŻEE.

(3) L-Awtorità tagħraf li t-tnedija tas-servizzi tat-tbaħħir fil-qosor tista' tkun akkumpanjata minn diffikultajiet finanzjarji sostanzjali li l-Istati taż-ŻEE jistgħu jixtiequ jnaqqsu sabiex tkun żgurata il-promozzjoni ta' dawn is-servizzi.

(4) Meta dan ikun il-każ, l-Awtorità tkun tista' tapprova din it-tip ta' għajnuna, b'kondizzjoni li din tkun maħsuba għas-sidien tal-bastimenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 4055/86 ([33]) li hu inkorporat bħala l-punt 53 ta' l-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE, mingħajr ħsara għall-bastimenti b'reġistrazzjoni f'wieħed mill-Istati taż-ŻEE. Għajnuna ta' dan it-tip għandha tkun innotifikata u għandha tissodisfa dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

— l-għajnuna m'għandhiex taqbeż it-tliet snin fit-tul u l-għan tagħha għandha jkun il-finanzjament ta' servizz ta' tbaħħir li jgħaqqad il-portijiet li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati taż-ŻEE,

— it-tip ta servizz għandu jippermetti li t-trasport (essenzjalment ta' merkanzija) fit-triq isir permezz tal-baħar, b'mod sħiħ jew parzjalment, mingħajr diverġenza tat-trasport marittimu b'tali mod li tkun kuntrarja għall-interess komuni,

— l-għajnuna għandha tkun diretta għat-twettiq ta' proġett dettaljat b'impatt fuq l-ambjent stabbilit minn qabel, dwar rotta ġdida jew l-aġġornament ta' servizzi fuq rotta eżistenti, li tassoċja diversi sidien tal-bastimenti jekk ikun hemm bżonn, b'mhux aktar minn proġett wieħed iffinanzjat għal kull linja u bl-ebda tiġdid, estenzjoni jew ripetizzjoni tal-proġett ikkonċernat,

— l-għan ta' l-għajnuna għandu jkun li tkopri, jew sa 30% ta' l-ispejjeż operattivi tas-servizz ikkonċernat ([34]), jew biex tiffinanza x-xiri ta' tagħmir trasbord għall-forniment tas-servizz ippjanat, sa livell ta' 10% f'investiment bħal dan,

— l-għajnuna għat-twettiq ta' proġett għandha tingħata fuq bażi tal-kriterji trasparenti applikati b'mod li mhumiex diskriminatorju għas-sidien tal-bastimenti stabbiliti fiż-ŻEE. Normalment, l-għajnuna għandha tingħata għal proġett magħżul mill-awtoritajiet ta' l-Istat taż-ŻEE permezz ta' proċedura ta' offerta konformi mar-regoli applikabbli tal-Komunità,

— is-servizz li hu s-suġġett tal-proġett għandu jkun ta' tip li jkun vijabbli kummerċjalment wara l-perjodu li fih hu eliġibbli għall-finanzjament pubbliku,

— għajnuna bħal din m'għandhiex tkun akkumulata mal-kumpens tas-servizz pubbliku (obbligi jew kuntratti).

([31]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjunijiet, 'L-iżvilupp tat-Tbaħħir fil-Qosor fl-Ewropa: alternattiva dinamika f'katina ta' trasport sostenibbli – It-Tieni rapport ta' kull sentejn', COM (1999) 317 finali.

([32]) Ara l-Komunikazzjoni, p. 2

([33]) Ara n-nota 13 fil-qiegħ tal-paġna.

([34]) F'każ ta' finanzjament jew eliġibbiltà tal-Komunità skond skemi ta' għajnuna differenti, il-limitu massimu ta' 30% japplika għat-total miġbur ta' appoġġ finanzjarju/ta' għajnuna. Wieħed għandu josserva li l-intensità ta' l-għajnuna hija l-istess bħal dik li hemm provdut għaliha *bl-azzjoni ta' qlib modali* fl-inizjattiva tal-Komunità ta' Marco Polo. Ara l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1382/2003 (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1).

24A.11. **Il-limitu massimu**

(1) Kif diġà ġie spjegat fuq, ċerti Stati taż-ŻEE jappoġġaw is-setturi marittimi tagħhom permezz tat-tnaqqis fit-taxxa waqt li Stati oħrajn taż-ŻEE jippreferu jagħmlu pagamenti diretti – per eżempju, billi jipprovdu rimbors tat-taxxa tal-baħħara tagħhom. Minħabba d-differenzi bejn is-sistemi fiskali ta' l-Istati taż-ŻEE, hu maħsub li ż-żewġ alternattivi għandhom jibqgħu possibbli. Bla dubju, dawn iż-żewġ strateġiji jistgħu, f'ċerti każijiet, jingħaqdu. Madankollu, hemm ir-riskju ta' akkumulazzjoni ta' għajnuna għal livelli li mhumiex propozjonali ma' l-għanijiet ta' l-interess komuni tal-Partijiet Kontraenti u li jistgħu jwasslu għal tiġrija ta' sussidji bejn l-Istati taż-ŻEE.

(2) Tnaqqis tat-taxxa u l-ħlasijiet soċjali għal żero għall-baħħara flimkien ma' tnaqqis tat-taxxa tal-kumpaniji ta' l-attivitajiet tat-tbaħħir kif inhuma deskritti fi 24.A.3.1(18) huwa l-livell massimu ta' għajnuna li jista' jsir. Sabiex it-tfixkil tal-kompetizzjoni jkun evitat, sistemi oħrajn ta' għajnuna ma jistgħux jagħtu aktar vantaġġi minn din. Barra minn hekk, għalkemm kull skema ta' għajnuna notifikata minn Stat ta' l-EFTA għandha tkun analizzati fuq il-meriti tagħha stess, hu meqjus illi l-ammont sħiħ ta' għajnuna mogħtija skond it-taqsimiet 24 A.3 sa 24A.6 m'għandux jaqbeż l-ammont sħiħ ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali miġbura minn attivitajiet ta' tbaħħir u baħħara.

24A.12. **Rimarki finali**

(1) L-Awtorità tkompli tgħasses b'mod regolari u mill-qrib il-kondizzjonijiet tas-suq tat-tbaħħir. Jekk dan ta' l-aħħar jinbidel, u jekk, bħala riżultat jitnaqqas jew jispiċċa l-bżonn għal għajnuna Statali l-Awtorità għandha tieħu l-miżuri meħtieġa fi żmien xieraq.

(2) Il-proposti ġodda kollha għall-miżuri nnotifikati lill-Awtorità għandhom jinkludu kalendarju li jindika, għas-sitt snin li ġejjin, l-effetti mistennija kwantifikati għal kull għan tat-taqsima 24A.2.2. B'mod partikolari, għandu jkun indikat f'dawn il-proposti d-dħul makro-ekonomiku mistenni għall-grupp marittimu korrispondenti, flimkien ma' stima tan-numru ta' impjiegi salvati jew maħluqa.

(3) Għall-iskemi kollha ta' għajnuna – sew jekk eżistenti jew ġodda – li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn il-Linjigwida, l-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkomunikaw lill-Awtorità valutazzjoni ta' l-effetti tagħhom matul is-sitt sena tat-twettiq tagħhom.

(4) Meta l-għajnuna tkun approvata u mogħtija lill-benefiċjarju, skond id-deroga mir-reġistrazzjoni msemmija fit-taqsima 24A.3.1, l-Istat ta' l-EFTA rilevanti għandu jirraporta lill-Awtorità kull tliet snin, jibda mid-data meta saret l-għotja. Fir-rapport tiegħu, l-Istat ta' l-EFTA għandu jikkwantifika l-effetti li saru u jqabbel ir-riżultati ma' l-effetti mistennija. Il-ħtiġijiet tar-rappurtar stabbiliti f'dawn il-Linijgwida jidħlu fis-seħħ ma' l-adozzjoni tagħhom.

(5) Barra minn hekk, jekk ikun hemm bżonn, per eżempju minħabba xi lment ġustifikat, l-Istat ta' l-EFTA konċernat għandu jagħti lill-Awtorità l-evidenza li l-għajnuna li ngħatat lill-beneficjarju rispettiv skond skema maqbula kienet limitata għad-definizzjoni stretta tagħha u b'hekk kellha l-effetti mistennija.

24A.13. **Miżuri xierqa**

(1) Dawn il-Linjigwida japplikaw mid-data ta' l-adozzjoni. Skond l-artikolu 1 (1) fil-Parti I u l-Artikolu 18 fil-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità tipproponi li l-Istati ta' l-EFTA jemendaw l-iskemi ta' għajnuna tagħhom relatati ma' l-għajnuna Statali koperti minn dawn il-Linjigwida sabiex ikunu konformi magħhom sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2005. L-Istati ta' l-EFTA huma mistiedna jikkonfermaw bil-miktub li jaċċettaw dawn il-proposti għal miżuri xierqa sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2004.

(2) Jekk Stat ta' l-EFTA jonqos milli jikkonferma bil-miktub l-aċċettazzjoni tiegħu sa dik id-data, l-Awtorità għandha tapplika l-Artikolu 19(2) fil-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza kif ukoll Qorti tal-Ġustizzja u, jekk ikun hemm bżonn, jibdew il-proċedimenti msemmija f'dik id-dispożizzjoni.

(3) Dawn il-Linjigwida għandhom ikunu riveduti fi żmien seba' snin mid-data ta' applikazzjoni tagħhom."

*"ANNESS VIII*

**Definizzjoni tar-reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE għall-iskop tar-regoli fil-Kapitolu 24A dwar l-għajnuna għat-trasport marittimu**

'Ir-reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE' għandha tinftiehem li tfisser ir-reġistri regolati mil-liġi ta' Stat Membru tal-KE jew Stat ta' l-EFTA firmatarju tal-Ftehim taż-ŻEE li tapplika fit-territorji tiegħu li jagħmlu parti mill-Komunità Ewropea jew Stat ta' l-EFTA.

(1) L-ewwel reġistri kollha ta' l-Istati taż-ŻEE huma reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE.

(2) Barra minn hekk, dawn ir-reġistri li ġejjin, li jinsabu fl-Istati taż-ŻEE u huma suġġetti għal-liġijiet tagħhom, huma reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE:

— ir-Reġistru Internazzjonali Daniż tat-Tbaħħir (DIS);

— ir-Reġistru Internazzjonali Ġermaniż tat-Tbaħħir (ISR);

— ir-Reġistru Internazzjonali Taljan tat-Tbaħħir;

— ir-Reġistru Internazzjonali tat-Tbaħħir tal-Madejra (MAR);

— ir-Reġistru tal-Gżejjer Kanarji;

— ir-Reġistru Internazzjonali Norveġiż tat-Tbaħħir (NIS);

(3) Reġistri oħrajn mhumiex meqjusa bħala reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE anke jekk fil-prattika jaħdmu bħala l-ewwel alternattiva għas-sidien tal-bastimenti bbażati f'dak l-Istat taż-ŻEE. Dan huwa l-każ minħabba li dawn ir-reġistri jinsabu fit-territorji fejn it-Trattat tal-KE, u għalhekk il-Ftehim taż-ŻEE ma japplikax, la b'mod sħiħ u lanqas b'mod sostanzjali, huma suġġetti għal-liġi tagħhom. Għalhekk, dawn ir-reġistri li ġejjin, mhumiex reġistri ta' l-Istati taż-ŻEE:

— Ir-reġistru tal-Kerguelen (it-Trattat tal-KE ma japplikax f'dan it-territorju),

— ir-reġistru ta' l-Antilles Olandiżi (dan it-territorju huwa assoċjat mal-Komunità; u Parti VI biss tat-Trattat tal-KE tapplika għalih; huwa responsabbli għar-reġim fiskali tiegħu stess),

— ir-reġistri ta':

  — l-Isle of Man (partijiet speċifiċi biss tat-Trattat tal-KE japplikaw għall-Isle – ara l-Artikolu 299 (6) (c) tat-Trattat tal-KE; il-parlament ta' l-Isle of Man għandu d-dritt assolut li jilleġiżla dwar kwistjonijiet fiskali),

  — Il-Bermuda u l-Cayman (dawn jagħmlu parti mit-territorji assoċjati mal-Komunità, u Parti IV biss tat-Trattat tal-KE japplika għalihom; dawn igawdu minn awtonomija fiskali).

(4) Fil-każ tal-Ġibiltà, it-Trattat tal-KE japplika b'mod sħiħ u r-reġistru tal-Ġibiltà huwa, għall-għanijiet ta' dawn il-Linjigwida, kkunsidrat bħala r-reġistru ta' Stat taż-ŻEE."